imdawra b'dak id-dawl, dehritilha dik il-għażiża nanna nnifisha, ħelwa u twajba bħal dejjem, iżda ferħana u hienja iżjed milli qatt kienet f'ħajjitha.

"Nanna!" għajtet it-tfajla. "Ħudni miegħek, jaħasra! Jiena naf li inti tħallini malli s-sulfarina tintefa; inti tgħib bħalma għeb in-nar jaħraq taċ-ċumnija, bħall-festa mill-isbaħ tas-Sena l-Ġdida, bħas-siġra sabiħa u kbira tal-Milied"; u fittxet xegħlet il-bqija tas-sulfarini li kellha fil-pakkett biex ma tħallix lil nannitha tgħib.

U s-sulfarini qabdu ħuġġieġa nar hekk qawwija li nofs in-nhar mhux żgur sata' jkun iżjed mudwal. Qatt qabel ix-xwejħa nanna ma kienet dehret hekk twila u fuq tagħha, hekk sabiħa u ħelwa; għannqet lit-tfajla ċkejkna u taru t-tnejn flimkien. Hienja u ferħana huma taru—fil-għoli, fil-għoli, sakemm waslu f'dak l-imkien fejn ħadd ma jaf x'jiġifieri bard, ġuħ jew uġigħ. Sabu ruħhom fil-Ġenna.

Iżda fil-kesħa tal-għodwa, imgeddsa taħt il-ħajt instabet l-imsejkna tfajla — ħaddejha jleqqu, xofftejha jitbissmu — mejta mirżuħa bil-bard fl-aħħar lejl tas-Sena l-Qadima. Ix-xemx tas-Sena l-Ġdida sirġet fuq it-tfajla bla ħajja; bla ma titħarrek, hija baqgħet hemm bis-sulfarini f'ħoġorha, b'wieħed mill-pakketti maħruq għal kollox.

"Fittxet li tisħon, miskina!", qalu n-nies; iżda ħadd ma kien jaf liema dehriet sbieħ kieet rat, jew f'liema hena hija u nannitha kienu qegħdin igħaddu l-festa tas-Sena l-Ġdida.

---



# L-AĦĦAR TRADUZZJONI TA' MAY BUTCHER QABEL MA MIETET

Inġibu hawn taħt l-aħħar versi li Miss May Butcher ittraduċiet mill-Malti għall-Ingliż. L-oriġinal jidher fil-ktieb tal-Membru Akkademiku tal-Għaqda s-sur Albert M. Cassola "Ġabra ta' Ġawhar" (Ed. Giov. Muscat) taħt l-isem ta' "Innu Nazzjonali". Dana l-Innu ġie mużikat mill-Maestro Alberto Caruana li, appuntu, talab imbagħad lil Miss Butcher tagħmillu versjoni Ingliża. Miss Butcher kitbet ukoll l-introduzzjoni għall-grammatika ta' Cassola "Maltese in Easy Stages" u lil dan l-awtur għażlitu biex jirrivedi magħha l-Pocket Dictionary li kien bi ħsiebha toħroġ, kif ukoll il-versjoni Maltija ta' "Emil", ktieb Tedesk ta' letteratura għat-tfal.

## HYMN TO THE HEROES OF MALTA

Island, famous
for doings heroical;
Island, blest
by the All-Holy God.
Land, baptized
in the fire that purifies;
Land that suffered
the horrors war wrought.

Who build the race
to fill their place,
they cry Thee: HAIL!
Thou who shalt rest,
for ever blest,
in God's Great Thought!

---